

31997D0394

L 164/42

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.6.1997

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Ġunju 1997

li tistabilixxi *data minima* meħtieġa għad-*databases* fuq *annimali u prodotti tal-annimali mdaħħla fil-Komunità*

(Test b'rilevanza ŻEE)

(97/394/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 fuq komputerrizzazzjoni ta' proċeduri veterinarji ta' importazzjoni (proġett *Shift*) li jemendaw id-Direttivi 90/675/KEE, 91/496/KEE, 91/628/KEE u d-Deċiżjoni 90/424/KEE u jħassar id-Deċiżjoni 88/192/KEE (¹), kif emendata l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tagħha,

Billi, għall-iskopijiet ta' l-Anness III (1) tad-Deċiżjoni 92/438/KEE, il-livell minimu tad-*data* meħtieġ għad-*databases* introdotta mill-Istati Membri dwar l-annimali u prodotti miġjuba fit-territorju tagħhom għandhom l-ewwel jiġu stabbiliti;

Billi kull Stat Membru jista iddaħħal *data* addizzjonali fuq l-annimali u prodotti miġjuba fit-territorju tiegħu, li hu jikkonsidra xieraq;

Billi l-ħtiġijiet tekniċi l-oħra għandhom ikunu stipulati fi żmien aktar tard skond l-istudji korrenti tal-proġett *Shift*;

Billi l-miżuri li għalihom hemm ipprovdut fit-tali Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-*data* minima li jridu jiddaħlu mill-Istati Membri fid-*databases* fuq l-annimali u prodotti miġjuba fit-territorju tagħhom għandhom ikunu daww stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirrizata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Ġunju 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU Nru L 243, tal-25.8.1992, p. 27.

L-ANNEX

DATA FUQ ANNIMALI U PRODOTTI

1. Identifikazzjoni tal-lok ta' spezzjoni tal-fruntiera

Isem u kodiċi *Animo* innumerat tal-lok ta' spezzjoni

2. Identifikazzjoni tal-konsenja

- (a) Natura tal-oġġetti u kodiċi *Animo*
- (b) Numru/kwantità/unitajiet
- (c) Numru ta' l-Anness B
- (d) Pajjiż terz ta' oriġini (kodiċi ISO)
- (e) Isem u n-numru ta' approvazzjoni tal-istabiliment ta' oriġini
- (f) L-Istat Membru tad-destinazzjoni/pajjiż ta' destinazzjoni (kodiċi ISO)

3. Iċċekjar li sar

- (a) Iċċekjar fuq dokumentazzjoni (iva/le/mhux konformi)
- (a) Iċċekjar fuq l-identità (iva/le/mhux konformi)
- (c) Iċċekjar fiżiku (iva/le/mhux konformi)
- (d) Eżami tal-laboratorju (iva/le/mhux konformi)

4. X'jirriżulta

- (a) Aċċetat (data)
 - (b) Ritornat (data)
 - (c) Distrutt (data)
 - (d) Ipproċessat (data)
-